MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 564/2009/1

**Il-Kummissarju tal-Artijiet**

**v.**

**LHP Limited (C14113)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-10 ta’ Gunju 2009 mis-socjeta` LHP Ltd li jaqra hekk:

“Illi s-socjeta` LHP Limited giet notifikata b’ittra ufficjali datata 21 ta’ Mejju, 2009 fl-ismijiet premessi li biha "ghall-fini ta’ l-Artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u

Procedura Civili" l-Kummissarju ta’ l-Artijiet innotifika lis-socjeta` LHP Limited b’dikjarazzjoni guramentata immarkata Dok A u interpella lil LHP Limited biex thallas is-somma ta’ €474,598.66 bhala arretrati ta’ cens allegatament dovuti lilu fuq zewg siti koncessi minnu lil LHP Limited b'titolu ta' enfitewsi u cioe` zewg siti ossia kumpless ta' bini maghruf bhala "Lascaris Tunnels" konsistenti f'diversi ambjent accessibbli minn Triq il-Batterija u Lascaris Ditch fil-Belt Valletta kif ukoll it-tieni sit bl-isem ta' Il-Polversita sitwat f’St. Peter’s Counterguard, bl-eskluzjoni tas-saqaf taghha u dana ghal perjodu li beda jiddekorri mid-19 ta’ Mejju 1994 sal-5 ta’ Dicembru, 2007, u dan kif jidher minn kopja ta’ l-imsemmija ittra ufficjali li giet prezentata mar-rikors bhala Dok LHP1.

“Illi s-socjeta` LHP Limited xtaqet tipprevalixxi ruhha mis-sub-artiklu (2) tal-artiklu 466 tal-Kap. 12 biex dina l-Qorti tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet hija infondata, u dan minghajr pregudizzju ghal kull dritt u rimedju iehor spettanti lis-socjeta` LHP Limited.

“Illi r-ragunijiet il-ghaliex din il-Qorti ghandha tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet hija infondata huma s-segwenti:

“Fl-ewwel lok tali talba hija proceduralment irrita u nulla u ghalhekk it-talba tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet kif proposta qatt ma tista’ tigi milqugha.  L-artikolu 466 jipprovdi hekk:

“"(1) Meta kap ta’ dipartiment tal-Gvern jew ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta jew rapprezentant tieghu jrid jagixxi ghall-hlas ta’ kreditu li jkollu jiehu d-dipartiment li tieghu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tiehu xi amministrazzjoni ta’ dak id-dipartiment, dwar kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta’ xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista’ jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut."

“Illi mill-imsemmi sub-artiklu jidher car illi dipartiment tal-Gvern jista’ jaghmel uzu mill-procedura kontemplata mill-

artiklu 466 tal-Kap. 12 biss meta l-kreditu allegat ikun dwar "kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti". Issa jidher car mill-istess test ta' l-ittra ufficjali Dok LHP1 illi l-kreditu li l-Kummissarju ta' l-Artijiet qieghed jivvanta huwa ta' arretrati ta' cens. Dan it-tip ta' kreditu ma jinkwadrax f'ebda mill-krediti li l-artikolu 466 tal-Kap 12 jikkontempla bhal kreditu li jista' jkun mitlub taht l-artiklu 466. *Konsiderando* li l-procedura taht l-artikolu 466 tal-Kap 12 din hija procedura eccezzjonali l-artikolu 466 ghandu jigi interpretat b'mod restrittiv u mhux wiesgha u ghalhekk kull kreditu li mhux elenkat bhal kreditu li jaghti lok ghall-uzu tal-procedura kontemplata fl-imsemmi artikolu ma jistax ikun l-oggett ta' ittra ufficjali mahruga taht l-artikolu 466 tal-Kap 12. Ghalhekk it-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet maghmula fl-ittra ufficjali maghmula fl-ambitu ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 ma tista' qatt tkun fondata kif proposta ghax irrita u nulla.

"Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti tissottometti wkoll illi l-imsemmija ittra ufficjali qeghdha titlob ukoll il-hlas ta' arretrati ta' cens ghal perjodu meta l-koncessjoni enfitewtika in kwistjoni kienet gja rexxissa bis-sahha ta' sentenza fl-istess ismijiet premessi deciza fit-30 ta' Novembru, 2006 (Citaz 249/2005) (Dok LHP2). Ghalhekk ma jistax jintalab hlas ta' cens ghaz-zmien wara li l-istess koncessjoni enfitewtika ma kenitx ghadha tezisti.

"Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta` LHP Limited issottomettiet wkoll illi fi kwalunkwe kaz it-talba ghal hlas ta' parti sostanzjali ta' l-arretrati tac-cens mitlub bl-ittra ufficjali huwa preskritt a tenur ta' l-artikolu 2156 (a) tal-Kodici Civili.

"Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tal-Kummissarju ta' l-Artijiet fis-somma ta' Euro 423,700 - li tirraprezenta l-valur ta' oggetti li kienu wzati fl-esibizzjoni li ttiehdu mill-Kummissarju ta' l-Artijiet u dan kif jidher mid-dokument prezentat mar-rikors bhala Dok LHP3. Dawn l-oggetti l-Kummissarju ta' l-Artijiet zammhom fil-kuntest tal-pretensjoni tieghu, u s-socjeta` LHP Limited fehemet illi

dan sar minnflok ma l-istess Kummissarju jibqa' jinsisti ghal pretensjoni tieghu ghal hlas tac-cens. Dan gara biex il-fond u l-*war rooms*, malli jigu konsenjati lura lill-Kummissarju intimat, jibqghu jintuzaw bhala *going concern* - ara Dok LHP4. F'dan il-kuntest is-socjeta` LHP Limited irriservat li tipprocedi skond il-ligi, jekk ikun il-kaz.

"Ghaldaqstant, is-socjeta` LHP Limited talbet li din il-Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju, 2009 hija infondata."

Rat ir-risposta pprezentata mill-Kummissarju tal-Artijiet li in forza taghha ecepixxa illi:

"Illi huwa gie notifikat bir-rikors tas-socjeta` LHP Limited fil-25 ta' Gunju 2009.

"Illi primarjament il-Kummissarju ta' l-Artijiet ikkonferma dak dikjarat fl-ittra ufficjali tieghu u fid-dikjarazzjoni guramentata *ai termini* ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta datata 21 ta' Mejju 2009, fejn is-socjeta` LHP Limited giet interpellata thallas is-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin elf, hames mija u tmienja u disghin Euro u sitta u sittin centezmu (€474,598.66) dovuta bhala arretrati ta' cens. Din is-somma hija konfermata mill-*accounts ledger* ipprezentat mar-risposta u immarkata bhala Dok KA1.

"Illi fir-rigward ta' l-eccezzjoni tas-socjeta` LHP Limited li cens ma jikwadrax fl-ebda mill-krediti ta' l-imsemmi artikolu 466, il-Kummissarju ta' l-Artijiet issottometta li dan l-artikolu gie applikat f'diversi kazijiet fejn kien hemm arretrati ta' cens dovuti lill-Gvern ta' Malta u dawn gew milqugha minn din il-Qorti.

"Illi cens jikkwalifika wkoll bhala kera ghaliex anke sempliciment mit-traduzzjoni taghha bl-Ingliz, *ground-rent*, juri car li cens hija wkoll tip ta' kera (*rent*) u dan huwa wkoll konfermat mid-definizzjonijiet ta' cens.

“Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, fis-sentenza bin-numru 249/2005RCP fl-ismijiet **Direttur ta’ l-Artijiet vs LHP Limited**, li giet citata mis-socjeta` LHP Limited u prezentata mar-rikors taghha u immarkata bhala Dok LHP2, din il-Qorti diversament presjeduta iddecidiet billi, “Tordna li jinhall l-enfitewsi temporanju, koncess mill-attur favur is-socjeta` konvenuta nhar l-20 ta’ Mejju 1993” (enfazi mizjuda mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet) u ghalhekk permezz ta’ din is-sentenza, il-koncessjoni enfitewtika ma gietx awtomatikament imhollija.

“Illi s-socjeta` LHP Limited baqghet in okkupazzjoni tal-proprjetajiet in kwistjoni certament sal-4 ta’ Dicembru 2007, kif jikkonferma d-dokument ipprezentat mar-rikors tas-socjeta` LHP Limited u li gie immarkat bhala Dok. LHP3.

“Illi, ukoll bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` LHP Limited hija ben infurmata li kienu jezistu arretrati fl-ammont dikjarat fl-imsemmija ittra ufficjali *ai termini* ta’ l-artikolu 466 u dan jirrizulta minn diversi fatturi fosthom:

“1. fl-imsemmija sentenza bin-numru 249/2005RCP din il-Qorti iddikjarat li,

“"Fil-fatt mill-provi jirrizulta li s-socjeta` konvenuta hallset biss l-ammont ta’ Lm4,000 ghall-perjodu mid-19 ta’ Mejju 1993 sat-18 ta’ Mejju 1994, u sad-data tal-21 ta’ Marzu 2006, (data ta’ l-affidavit ta’ Vince Gilson) is-socjeta` konvenuta kellha taghti l-ammont ta’ Lm179,000 bhala cens ghall-perjodu mid-19 ta’ Mejju 1994 sat-18 ta’ Mejju 2006, kif jirrizulta minn Dok. “VG2" a fol. 49 tal-process" u tiddikjara wkoll “... li l-pretensjoni dwar l-arretrati ta’ cens dovuta mis-socjeta` konvenuta lanqas biss hija kkontestata...”.

“2. li l-Kummissarju ta’ l-Artijiet ipprezenta erba’ ittri ufficjali fil-passat *ai termini* ta’ l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra s-socjeta` intimata, datati 7 ta’ Ottubru 1996, 29 ta’ Ottubru 1999, 26 ta’ Frar 2002 u 17 ta’ Ottubru 2003, prezentati mar-risposta u immarkati bhala Dok KA2 sa KA5; u

“3. li mill-korrispondenza prezentata mar-rikors odjern u anke minn dak iddikjarat fir-rikors hemm ikkonfermat li s-socjeta` LHP Limited taf bl-arretrati dovuti u ippruvat tpatti dawn l-arretrati b’oggetti uzati fl-esibizzjoni.

“Illi ghalhekk l-artikolu citat mis-socjeta` intimata dwar il-preskrizzjoni mhux applikabbli.

“Illi, *inoltre*, dwar l-ittra prezentata u immarkata bhala Dok. LHP4 mar-rikors tas-socjeta` LHP Limited, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet ikkonferma li dan qatt ma gie konfermat ghaliex ma giex approvat.

“Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, a rigward ta’ l-oggetti msemmija mis-socjeta` LHP Limited il-Kummissarju ta’ l-Artijiet ma jhossx li dan ghandu relevanza a rigward il-mertu tal-kawza odjerna ghaliex primarjament l-arretrati huma fi kwalunkwe kaz dovuti u kif ukoll l-oggetti mhux kollha proprjeta` tas-socjeta` LHP Limited u anke hemm oggetti nieqsa kif ikkonfermat b’korrispondenza bejn il-partijiet fil-kawza odjerna, li huma prezentati mar-risposta u immarkati bhala Dok KA6 u KA7.

“Ghaldaqstant in vista tas-suespost il-Kummissarju ta’ l-Artijiet talab lil din il-Qorti biex tichad it-talbiet tas-socjeta` intimata, tiddikjara li l-ammont huwa dovut u tikkundanna lil LHP Limited thallas l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim’awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Dicembru 2010, li in forza taghha cahdet l-ewwel ilment tas-socjeta` rikorrenti bbazat fuq is-sottomissjoni li l-Artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) ma setax jintuza mill-Kummissarju tal-Artijiet biex jakkwista titolu ezekuttiv ghal arretrati ta’ cens; il-kawza giet differita biex jigu ezaminati l-aspetti l-ohra relattivi ghal kaz.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi s-socjeta` intimata sostniet iIIi l-procedura ta’ l-ittra ufficjali wzata mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet hija proceduralment irrita u nulla u ghalhekk it-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet kif proposta qatt ma tista’ tigi milqugha. Il-bazi ta’ din is-sottomissjoni huwa li l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jikkontemplax l-uzu tal-procedura wzata mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet ghall-gbir ta’ cnus.

“Min-naha l-ohra l-Kummisarju ta’ l-Artijiet sostna li l-Artikolu 466 huwa mezz eccezzjonali applikabbli ghal kapijiet ta’ dipartimenti tal-Gvern u ohrajn specifikati fl-Artikolu u dan sabiex l-amministrazzjoni tal-Gvern ta' Malta tkun tista’ permezz ta’ din il-procedura eccezzjonali l-Gvern ikun jigbor il-krediti dovuti lilu billi l-kap tad-dipartiment jikkonferma bil-gurament li l-kreditu huwa dovut.

“L-artiklu 466 jipprovdi hekk:
““(1) Meta kap ta’ dipartiment tal-Gvern jew ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta jew rapprezentant tieghu jrid jagixxi ghall-hlas ta’ kreditu li jkollu jiehu d-dipartiment li tieghu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tiehu xi amministrazzjoni ta’ dak id-dipartiment, dwar kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta’ xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista’ jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut."

“Filwaqt li l-Kummissarju ta’ l-Artijiet isostni li jidher li l-legislatur ipprova jindirizza kull tip ta’ kreditu li jista’ jkun dovut lill-Gvern billi l-ewwel elenka tipi ta’ krediti li jistghu jkunu dovuti izda mbaghad ikkonkluda bil-kliem "...jew dritt jew taxxa ohra dovuti..." [u dan fil-fehma tieghu sabiex b’hekk jinkorpora kwalunkwe tip ta’ kreditu li jista’ jkun dovut] l-intimata sostniet li dipartiment tal-Gvern jista’ jaghmel uzu mill-procedura kontemplata mill-artikolu 466 tal-Kap. 12 biss meta l-kreditu allegat ikun dwar:

“"kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta’ xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti".

“Fil-fehma tas-socjeta` intimata dan it-tip ta’ kreditu ma jinkwadrax f’ebda mill-krediti li l-artikolu 466 tal-Kap. 12 jikkontempla bhal kreditu li jista’ jkun mitlub taht l-artikolu 466. Il-Kummissarju jsostni li l-arretrati ta’ cens huwa kreditu dovut lill-Gvern u li c-cens (*ground-rent*) jassomilja ferm il-kera.

“Ikkunsidrat

“Illi huwa veru li l-procedura taht l-artikolu 466 tal-Kap 12 hija procedura eccezzjonali. Izda wiehed irid jara l-lokuzzjoni preciza ta’ l-istess artikolu, li jibda biex jitkellem dwar kap ta’ dipartiment li jrid jagixxi ghall-hlas ta’ kreditu li jkollu jiehu dipartiment. Certament li cens dovut jammonta ghal kreditu, u ma hemmx bzonn li jissemma specifikament biex ikun applikabbli l-artikolu 466 fuq ammont ta’ cens dovut lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet. Jizdied ukoll li hemm elenku ta’ xi whud mill-kazijiet li jaghmlu car x’inhu applikabbli ghall-artikolu 466. L-istess artikolu jsemmi dritt jew taxxa ohra dovuta u ghalkemm hawnhekk qed jitkellem fuq taxxa, jidher car li l-legislatur ried jinkludi kull forma ta’ kreditu b’mod li c-cens bhal kera ghandu jitqies li jaqa’ taht dak imsemmi fl-artikolu 466. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni ferm restrittiva ta’ l-artikolu 466 moghtija mis-socjeta` LHP Limited.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ LHP Ltd li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talbet illi din l-Qorti joghgobha:

“…tirrevoka s-sentenza appellata u cioe` dik moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-6 ta’ Dicembru 2010, u tichad l-eccezzjonijiet moghtija mill-Kummissarju tal-Artijiet inkwantu riferibbli ghas-sentenza appellata u tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti, prevja jekk hemm bzonn, li tiddikjara illi l-procedura uzata fil-kaz odjern mill-Kummissarju tal-Artijiet u konsistenti fl-Ittra Ufficjali tal-21 ta’ Mejju 2009, (Dok A)

hija irrita u nulla u mhux applikabbli ghal-kreditu pretiz minnu.”

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, stqarr li d-decizjoni tal-ewwel Qorti mhix zbaljata u jisthoqqilha li tigi kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi bis-sahha ta’ dawn il-proceduri s-socjeta` LHP Ltd qed tittanta timpunja titolu ezekuttiv li l-Kummissarju tal-Artijiet jippretendi li akkwista wara li invoka l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 imsemmi u hareg ittra ufficjali datata 21 ta’ Mejju 2009, kontra s-socjeta` LHP Ltd biex din thallas is-somma ta’ €474,598.66 bhala arretrati ta’ cens fuq zewg siti art. Is-socjeta` rikorrenti tibda biex tilmenta li l-Artikolu 466 imsemmi, ikkwotat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ma japplikax ghax dan l-artikolu jista’ jintuza biss meta l-kreditu pretiz ikun dwar “kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta’ xi licenzja jew dritt jew taxxa ohra dovuti”, u mhux meta l-kreditu pretiz huwa arretrati ta’ cens.

L-ewwel Qorti skartat din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 466, u qalet li l-legislatur ried jinkludi kull forma ta’ kreditu f’dak l-artikolu tal-ligi.

Is-socjeta` rikorrenti LHP Ltd, appellat minn din id-decizjoni u tissottometti li dan l-artikolu ma jikkontemplax l-uzu tieghu ghal gbir ta’ cens.

Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma taqbilx mal-argument tal-appellant. L-Artikolu 466 hu wiesgha bizzejjed biex ikopri kull dritt jew taxxa ohra dovuti, li jfisser li l-istess artikolu jista’ jintuza ghal kull tip ta’ kreditu li jista’ jkun dovut. Fil-fatt, fil-kawza **Direttur Generali tax-Xoghlijiet v. Mousu`**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fl-20 ta’ Ottubru 2003, intqal li dan l-artikolu hu tramandat minn certi disposizzjonijiet tal-Proklama numru 1 tal-1815 u jahseb *“ghall-procedura specjali favur il-*

*kapijiet dipartimentali tal-Gvern ghal-irkupru ta' flejjes dovuti lid-dipartimenti taghhom."* Dan l-artikolu gie diversi drabi emendat, partikolarment bl-Att XXIV tal-1995, biex jaghmilha aktar possibbli ghad-debitur li jikkontesta l-pretensjoni tad-dipartiment koncernat.  L-iskop tieghu, pero`, baqa' wiesgha b'mod li jkun jista' jintuza ghall-gbir ta' flejjes dovuti, hi x'xinhi n-natura taghhom.

L-iskop tal-ligi hu wiehed generali, u l-fatt li l-verzjoni Ingliza tuza l-kelma *"fee"* ghal kelma "dritt", ma jtellef xejn mill-generalita` tal-artikolu fil-verzjoni Maltija ufficjali tieghu.  Fuq kollox ic-cens hu forma ta' kera, tant li, bil-lingwa Ingliza jissejjah ukoll *"ground-rent"* u anke *"recognition rent"*, ghax hu l-korrispettiv imhallas lid-direttarju bhala rikonoxximent tat-titolu tieghu.  Il-lokazzjoni huwa kuntratt personali, waqt li l-enfitewsi hu dritt reali, pero`, it-tnejn jikkontemplaw hlas ta' kera, tant li iz-zewg istituti jikkontemplaw il-hlas ta' *"rent"* – ara Artikolu 1494 u 1526 tal-Kodici Civili.  Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta l-Artikolu 466 jirreferi ghal kelma generika "kera", qed jolqot kemm il-hlas dovut taht kuntratt ta' lokazzjoni, kif ukoll dak dovut taht kuntratt ta' enfitewsi, u r-riferenza ghal kull "provvista" jew kull "dritt" fl-istess artikolu jkompli jikkonferma l-iskop tal-ligi ghall-irkupru ta' flejjes dovuti lid-dipartiment governattiv koncernat.

Fuq kollox, fil-kaz ta' hlas ta' cens, ma jistax jinghad li dan l-artikolu jaghti xi privilegg specjali lill-Gvern, peress li kull direttarju jista' jagixxi bl-istess mod bis-sahha tal-Artikoli 253 (b) u 256 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).  Bis-sahha ta' dawn l-artikoli kull direttarju jista' jakkwista titolu ezekuttiv ghac-cens dovut semplicement billi jibghat ittra ufficjali interpellatorja ghal hlas u jitlob il-hrug tal-mandati ezekuttivi fi zmien jumejn min-notifika ta' sejha ghal hlas.  Dan l-istess li jsir mill-Gvern meta jaghmel uzu mill-Artikolu 466 tal-istess Kap. 12 bid-differenza li l-ligi, f'dan l-ahhar artikolu, jipprovdi ghal procedura specjali, kif dan it-titolu pretiz mill-Gvern ikun jista' jigi kkuntestat mid-debitur.  Il-fatt li l-Gvern jista' juza' l-Artikolu 466 biex jigbor il-hlas ta' cens dovut ma johloq ebda pregudizzju lic-censwalist, li jibqa' jgawdi d-drittijiet kollha tieghu

naxxenti mill-kuntratt ta' enfitewsi. Fil-fatt, mhux l-ewwel darba li l-uzu ta' din il-procedura mill-Gvern ghal gbir tac-cens dovut giet sanzjonata mill-Qrati taghna (ara, per ezempju il-kaz, **Brincat v. Direttur Ufficcju Kongunt**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Frar 2011).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` LHP Ltd billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha marbuta ma' dan l-ilment, inkluz dawk marbuta mas-sentenza in prim istanza, ghandhom jithallsu mis-socjeta` LHP Ltd appellanti.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex tkompli tittratta l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------